

29.9.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1635/2013, imressqa minn C.L., ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar il-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Istati Uniti u r-riskji relatati mal-importazzjonijiet tal-ikel mill-Istati Uniti**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant huwa kontra kwalunkwe negozjati oħra u kontra l-iffirmar tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Istati Uniti, fejn jenfasizza r-riskji li jirriżultaw fir-rigward tal-kwalità tal-importazzjonijiet tal-ikel skont dan il-ftehim, peress li l-proċeduri ta' spezzjoni u l-metodi ta' preparazzjoni li jiżguraw is-sikurezza tal-konsumatur preskritti u implimentati skont il-liġi tal-UE mhumiex imwettqa fl-Istati Uniti, li jesponi lill-konsumaturi għal riskji tas-saħħa minħabba ikel inferjuri u possibiltà ta' kontaminazzjoni.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-29 ta' Settembru 2014

Rigward l-istandards ta' sikurezza tal-ikel, iż-żewġ partijiet għan-negozjati għamluha ċara ħafna li t-TTIP mhux se jirriżulta fi tnaqqis tal-istandards tal-protezzjoni tal-konsumatur. Il-Kummissjoni Ewropea semmgħet leħenha ħafna drabi dwar li mhux ħa jkun hemm bidliet fil-politiki jew fl-istandards tal-UE rigward is-sikurezza tal-ikel. Il-Kummissjoni ħadet ukoll għadd kbir ta' opportunitajiet biex tistabilixxi l-linji ħomor tal-UE fin-negozjati, pereżempju li jikkonċernaw l-ormoni fiċ-ċanga, il-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM eċċ.

Speċifikament fir-rigward ta' trattamenti antimikrobiċi ta' laħam jew karkassi, il-leġiżlazzjoni tal-UE tippermetti l-approvazzjoni ta' trattamenti b'hal dawn, dment li dawn jitqiesu sikuri mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) u li jkunu użati taħt kundizzjonijiet stretti, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-iġjene aktar stretti li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tirrikjedi li jkunu applikati matul il-proċess kollu tal-katina alimentari.

L-ebda trattament antimikrobiku mhu se jiġi approvat fl-UE sakemm ma jkunx hemm valutazzjoni xjentifika ċara li tikkonferma li dawn huma ta' benefiċċju għall-konsumaturi (jiġifieri l-ebda riskju għas-sikurezza u tnaqqis ta' kontaminazzjoni mikrobjali). L-UE mhux se taċċetta l-użu ta' trattamenti antimikrobiċi b'hal s-sostituzzjoni għall-prattiki tal-iġjene imma biss b'hal għodda addizzjonali sabiex ittejjeb is-sikurezza tal-prodott finali.

Filwaqt li l-Kummissjoni qed tmexxi diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti, il-PE u l-Kunsill tal-Ministri tal-UE għandhom jinżammu informati bis-sħiħ dwar l-iżviluppi.

### Konklużjoni

Il-Kummissjoni se tkompli tinnegozja t-TTIP mal-Istati Uniti, abbażi tal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2013. Il-Kummissjoni tenniet li n-negozjati mhux se jirriżultaw fi tnaqqis tal-istandards tas-sikurezza tal-ikel. Matul dan il-proċess, il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri infurmati dwar il-progress.